16 ta' Marzu, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Eleonora Buhagiar *versus* Emmanuele Cassar et.

**Testment — Dritt tar-Rappreżentazzjoni — Art. 782 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Dispożizzjoni testamentarja tibqa' mingħajr effikaċja jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret dik id-dispożizzjoni tmut qabel it-testatur; iżda d-dixxendenti tal-werriet, jew tal-legatarju, jidħlu minflokù fil-wirt, jew fil-legat, kull meta, kieku s-suċċessjoni kienet "ab intestato", kien ikollu d-dritt tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu personali*

*Is-suċċessjoni "ab intestato" li għaliha tirriferixxi din id-dispożizzjoni tal-liġi hija dik tat-testatur, u mhux dik ta' l-eredi jew legatarju nominat minn dak it-testatur.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara ppremettiet:— 1. Li fid-9 ta' Awissu 1943 miet Carmelo Costa, missier il-kontendenti, b'testment "unica charta" ma' martu Carmela imwielda Caruana, in atti Emmanuele Agius tas-16 ta' Jannar 1941, li bih hu ħalla lil dina martu l-użufrutt universali ta' ħwejġu u innomina eredi tiegħu lill-kontendenti f'porzjon indaqs; 2. Li fis-7 ta' Lulju 1944 mietet mingħajr tfal l-imsemmija Carmela Costa, it-tielet mara ta' l-imsemmi Carmelo Costa, u fit-testment fuq indikat ħalliet lil żewġha eredi universali tagħha; 3. Li fit-12 ta' Novembru 1929 mietet Giovanna imwielda Vassallo, l-ewwel mara ta' l-istess Carmelo Costa, mingħajr testment, u ħalliet lill-unika bintha, l-attriċi, eredi leġittima tagħha; 4. Li fl-10 ta' Lulju 1937 mietet Giuseppa imwielda Galea, it-tieni mara ta' Carmelo Costa, mingħajr testment u mingħajr tfal; 5. Li l-istess Carmelo Costa kellu minn Giuseppa Cassar, xebba, tlitt itfal, il-konvenuti, li in segwitu rrikonoxxa bħala wliedu; 6. Li bħala wlied leġittimi l-konvenuti ma jistgħux jirċievu aktar minn terz tal-leġittima li kien imissom li kieku kienu tfal leġittimi; 7. Li b'kuntratt fl-atti)iet fuq imsemmijin tal-15 ta' Jannar 1921, ġurnata qabel ma sar it-testment fuq imsemmi, Carmelo Costa u martu Carmela biegħu lill-konvenuti Emmanuele u Giuseppe aħwa Cassar Costa l-mezzanin u terran il-Ħamrun, Vincent Bugeja Street, numri 196 u 194, suġġetti għal £3 ċens perpetwu fis-sena, u rriżervaw favur tagħhom l-użufrutt ta' l-istess postijiet żmien ħajjithom, u dana bil-prezz ta' £250, u fl-imsemmi kuntratt Carmelo Costa ikkostitwixxa ruħu debitur tal-konvenuti Giuseppe u Emmanuele Cassar Costa fis-somma ta' £500 bħala kumpens ta' serviġi li huma rrendew biex kabbru l-valur tad-ditta "C. Costa & Sons"; 8. Li tant il-bejgħ kemm il-kostituzzjoni tad-dejn fuq imsemmi huma simulati, u saru biex jiġu elużi d-dispożizzjonijiet tal-liġi rigwardanti l-inkapaċità tat-tfal illeġittimi, u anki għaliex Carmelo Costa ried jippreferixxi indebitament lill-imsemmija wliedu;

Talbet:— 1. Li tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett dik

il-parti tat-testment "unica charta" tas-16 ta' Jannar 1941, fejn Carmelo Costa innomina bħala eredi tiegħu, u f'porzjonijiet indaqs ma' l-attriċi, lit-tliet konvenuti wliedu illeġittimi, u konsegwentement jiġi dikjarat li dik id-dispożizzjoni hija riduċibili u għandha tiġi ridotta għall-porzjoni mill-ġid tad-decujus kontemplata fl-art. 300 u 308 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, jiġifieri għal waħda minn sitta u tletin (1/36) parti għal kull wieħed mill-konvenuti, u l-bqija jiġi devolut lill-attriċi, unika eredi tiegħu; 2. Li jiġu dikjarati simulati l-bejgħ u l-kostituzzjoni tad-dejn fuq imsemmijin, u konsegwentement jiġi dikjarat null u mingħajr effett il-kuntratt fuq imsemmi tal-15 ta' Jannar 1941, għaliex dana sar biex jiġu elużi r-restrizzjonijiet ta' l-inkapaċità suċċessorja tat-tfal illeġittimi, u għar-raġunijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni orali tal-kawża; 3. Li jiġi likwidat l-assi soċjali konjugali bejn Carmelo Costa u Giovanna imwielda Vassallo, l-ewwel mara tiegħu; 4. Li dana l-assi soċjali konjugali jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-attriċi, unika eredi ta' Giovanna Costa, u l-oħra lill-assi partikulari ta' Carmelo Costa; 5. Li jiġi likwidat l-assi soċjali konjugali bejn Carmelo Costa u Giuseppa imwielda Galea; 6. Li dana l-assi jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-assi ta' l-imsemmija Giuseppa Costa, u l-oħra lill-assi ta' l-imsemmi Carmelo Costa; 7. Li jiġi likwidat l-assi partikulari ta' l-istess Carmelo Costa, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-akkwisti li sarr ma' Giovanna imwielda Vassallo u Giuseppa imwielda Galea, u f'kull ġid ieħor li jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; 8. Li dana l-assi partikulari jiġi maqsum f'sitta u tletin porzjon, li minnhom jiġu assenjati 33/36 lill-attriċi, u lill-konvenuti Giuseppe, Emmanuele, u Antonia Debattista, aħwa Cassar Costa, waħda kull wieħed; 9. Li tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi konjugali bejn l-imsemmi Carmelo Costa u t-tielet mara tiegħu Carmela Costa; 10. Li dana l-assi jiġi diviż bejn il-wirt ta' Carmela Costa u ta' żewġha Carmelo; 11. Li tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' Carmelo Costa; 12. Li tiġi ordnata d-diviżjoni ta' dana l-assi partikulari skond il-liġi; 13. Li jiġu nominati periti................;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-23 ta' April 1947, li minnu jirriżulta li l-perit, fuq talba tal-partijiet, kellu jagħmel relazzjoni preliminari fuq il-kwistjoni "jekk id-dispożizzjoni testamentarja magħmula minn Carmelo Costa favur żewġha fit-testment "unica charta" in atti Emmanuele Agius tas-16 ta' Jannar 1941 baqgħetx isseħħ, billi żewġha miet qabilha, favur l-eredi ta' żewġha, ad esklużjoni tal-werrieta leġittimi ta' l-istess Carmela Costa";

Rat l-imsemmija *relazzjoni preliminari;*

Semgħet l-avukati;

Tikkunsidra fuq il-kwistjoni li fuqha l-perit għamel ir-relazzjoni preliminari;

Illi bl-imsemmi testment "unica charta" in atti Emmanuele Agius tas-16 ta' Jannar 1941, it-testatur Carmelo Costa ħalla lil martu Carmela, b'titolu ta' legat, il-mobilja, ħwejjeġ, ilbiesi, bjankerija u oġġetti tad-dar kollha, "a limine intus", u l-użu u l-użufrutt ta' l-assi tiegħu mobiljari u immobiljari, bl-eżenzjoni *mill-inventarju* u *mill-kawzjoni* preskritti mil-liġi, u dina martu Carmela istitwieta eredi universali tagħha. L-istess Carmelo Costa innomina bħala eredi universali tiegħu f'porzjonijiet ugwali lill-erba' wliedu — l-attriċi Eleonora Buhagiar, u lill-konvenuti Emmanuele, Giuseppe, u Antonia mart Crocefisso Debattista;

Illi Carmelo Costa miet qabel l-imsemmija martu Carmela, u għalhekk tfaċċat dina l-kwistjoni, jekk l-imsemmija dispożizzjoni favur tiegħu għandhiex isseħħ favur id-dixxendenti tiegħu *leġittimi*, jew għandhiex dik id-dispożizzjoni tibqa' mingħajr effett, u kwindi l-wirt ta' Carmela Costa jgħaddi lill-eredi leġittimi tagħha;

Illi l-attriċi tibbaża l-pretensjoni tagħha li dik id-dispożizzjoni testamentarja ma għandhiex tibqa' mingħajr effett, u d-dritt tagħha li bħala unika eredi leġittima ta' Carmelo Costa hija tidħol minfloku fil-wirt, fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 782 tal-Kodiċi Civili;

Illi skond dana l-artikolu "Dispożizzjoni ta' testment tibqa' mingħajr effett jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret tmut qabel it-testatur; iżda d-dixxendenti tal-werriet, jew tal-legatarju, jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat, kull meta, "kie-

ku s-suċċessjoni kienet 'ab intestato', kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni", barra minn meta t-testatur ikun iddisponа xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu personali";

Illi għalhekk l-indaġini li għandha ssir hija dik jekk il-kliem "kieku s-suċċessjoni kienet ab intestato", fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata (para. 2), għandhomx jirriferixxu u jiġu korrelatati għas-suċċessjoni tat-testatur — fil-każ preżenti għas-suċċessjoni ta' Carmela Costa, jew għas-suċċessjoni tal-gratifikat premort — fil-każ preżenti għas-suċċessjoni ta' Carmelo Costa;

Illi dina l-kwistjoni ġà ġiet quddiem il-Qorti ta' l-Appell Tagħna fil-kawża "Antonio Ellul et. vs. Ruggiero Rocco Peralta u oħrajn", deċiża fl-10 ta' Marzu 1934 (Kollez. XXVIII — I — 962), u ġiet minn dik il-Qorti riżoluta fis-sens kif irrisolviha l-perit legali, jiġifieri illi l-kondizzjoni tad-dritt tar-rappreżentanza fis-suċċessjoni leġittima, imposta fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, hija relativa għad-decujus, u mhux għall-benefiċjat li jkun miet qabel id-decujus. Ir-rappreżentazzjoni għandha tkun ta' dana, jiġifieri tad-decujus;

Ingħad fiċ-ċitata sentenza illi dispożizzjoni simili għal dik ta' l-artikolu 782 (1) teżisti fil-kodiċijiet kontinentali (Kodiċi Franċiż art. 1039; Sardo art. 830; Parmense art. 731; Due Sicilie art. 994; u Taljan art. 890, par. 1). Il-kapovers però ta' l-istess artikolu 782 (782 (2) ), huwa skonoxxut għall-kompilaturi tal-Kodiċi Franċiż u għal dawk li adottaw it-tip ta' dak il-Kodiċi. Dispożizzjoni simili, però, ġiet introdotta fil-Kodiċi Taljan ta' l-1865; u l-leġislatur tagħna segwa dak il-Kodiċi Taljan, u introduċa dina d-dispożizzjoni ta' l-art. 782 (2);

Rigward l-interpretazzjoni jekk is-suċċessjoni "ab intestato" għandhiex tkun dik tat-testatur jew dik ta' l-eredi jew legatarju premort, hemm diversità ta' opinjoni tant fid-dottrina kemm fil-ġurisprudenza Taljana; iżda l-opinjoni prevalenti hija li l-kliem "suċċessjoni ab intestato" jaċċennaw għas-suċċessjoni tat-testatur, u mhux għal dik ta' l-eredi jew legatarju premort; li d-dritt tar-rappreżentazzjoni mhux estiż għall-vinkoli tad-demm fir-rapporti bejn legatarju u dixxendenti, imma hu limitat fir-rapporti bejn testatur u dixxendenti tal-

legatarju li jkun miet qabel, fil-każijiet li dawn ikunu fost il-persuni kontemplati fl-artikoli 730 u 732 tal-Kodiċi Ċivili Taljan fuq imsemmi, korrispondenti għall-artikoli 846 u 853 tal-Kodiċi Ċivili Malti; li għar-rappreżentanza testamentarja ma jista' qatt ikun hemm lok jekk it-tfal imħollijin mill-premort ma jkunux f'dik il-*kondizzjoni li jidħlu* fl-*eredità tat-testatur* bir-rappreżentazzjoni tal-ġenituri mejtin tagħhom; li barra minn dawk il-każijiet li fihom, b'effett ta' l-art. 730 u 732 taċ-ċitat Kodiċi Taljan (art. 846 u 853 tal-Kodiċi Malti) hija ammessa r-rappreżentazzjoni fil-linea dixxendentali jew kollaterali fis-suċċessjoni leġittima, l-art. 890 tal-Kodiċi Ċivili Taljan (art. 782 (2) *Kodiċi Ċivili Malti*) *ma* għandux applikazzjoni; li l-eċċezzjoni introdotta b'dan l-artikolu (890 kapovers tal-Kodiċi Taljan — 782 (2) Kodiċi Malti) hija "di stretto diritto", u kwindi, biex tiġi applikata, id-dixxendenti ta' l-eredi jew legatarju premort għandhom isibu ruħhom, rispett għad-decujus, fil-każijiet indikati mil-liġi għall-eżerċizzju tad-dritt tar-rappreżentazzjoni; u fl-aħħarnett, biex jiġi applikat dak l-artikolu xejn aktar ma hu meħtieġ ħlief li d-dixxendent tal-premort jew inkapaċi jinsab ruħu f'tali relazzjoni ta' familja mat-testatur li tkun possibili r-rappreżentazzjoni;

Illi minn dawn il-prinċipji enunċjati mill-ġurisprudenza, kif jingħad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq ċitata, "emerge chiaro che quel *disposto di legge* (782 (2) ) non favorisce gli estranei al testatore, ma solo quelli che sono chiamati alla sua successione intestata";

Illi għalhekk, billi l-attriċi Eleonora Buhagiar, tifla ta' Carmelo Costa mill-ewwel żwieġ tiegħu, hija estranea għal Carmela Costa, it-tielet mara ta' l-istess Carmelo Costa, u li issopravvissietu, kwindi ma għandhiex *id-dritt tinvoka* d-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata biex jiġi lilha devolut il-wirt ta' l-imsemmija Carmela Costa li kienet ħallietu lill-imsemmi Carmelo Costa, żewġha u missier l-attriċi; u għalhekk

Tiddeċidi, kif ikkonkluda l-perit legali, billi tiddikjara illi d-dispożizzjoni magħmula mill-imsemmija Carmela Costa favur Carmelo Costa żewġha, fl-*imsemmi testment tagħha* "unica charta", ma għandhiex effett, billi favur min kienet ġiet magħmula (Carmelo Costa) ma mietx wara t-testatriċi, u l-attriċi, dixxendenti tiegħu (tal-gratifikat), ma kienx ikollha

d-dritt li tikkonkorri "jure proprio", u lanqas bi dritt tar-rappreżentazzjoni, għas-suċċessjoni tat-testatriċi kieku s-suċċessjoni ta' dina kienet "ab intestato", u għalhekk l-assi ta' l-istess Carmela Costa għandu jmur għand l-eredi leġittimu tagħha, li huma t-tliet ħutha rappreżentati f'dan il-ġudizzju minn Giorgio Caruana;

Tordna illi l-inkartament tal-proċess jiġi mibgħut lill-perit legali sabiex ikompli jeżegwixxi l-inkariki tiegħu konformement għal din id-deċiżjoni in rigward għall-kwistjoni sollevata, u b'din is-sentenza definita;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.